Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2024
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0277(COD)**

**7962/1/24**
**REV 1**

**CODEC 844**
**AUDIO 39**
**DIGIT 83**
**MI 336**
**DISINFO 42**
**FREMP 157**
**COMPET 348**
**EDPS 6**
**DATAPROTECT 152**
**JAI 501**
**SERVICES 23**
**POLGEN 63**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fis-16 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Diċembru 2022[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Marzu 2023[3].

[1] 12413/22 + ADD 1 sa 5.
[2] ĠU C 100, 16.3.2023, p. 111.
[3] ĠU C 188, 30.5.2023, p. 79.

4. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Novembru 2022[4].

5. Fit-13 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[5]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 4/24, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bl-Ungerija tivvota kontra.

7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-ADD 1 REV 1 ta' din in-nota.

8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

4 ĠU C 487, 22.12.2022, p. 9.
5 7535/24.